# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2024**

**Numru: 17**

**Rikors Kostituzzjonali numru 645/2022/1 TA**

**Vincent Sciberras; Michael Sciberras; Marlene mart Kenneth Micallef; Joseph Baldacchino**

***v.***

**Avukat tal-Istat; Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa in rappreżentanza tal-*Primary Health Care Unit* u tal-*Occupational Health Unit***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet tagħhom imħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju kkundannat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens ta' tmienja u tletin elf euro (€38,000). L-appell jolqot il-perjodu li matulu seħħ il-ksur, u l-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »1. Din il-kawża tirrigwarda l-fond … San Pawl il-Baħar.
>
> »2. Ir-rikorrenti aħwa Sciberras akkwistaw dan il-fond *per via di successione* mill-wirt ta' missierhom Francesco Sciberras, li miet fl-24 ta' Awwissu 2008 (ara dikjarazzjoni *causa mortis* tat-30 ta' Lulju 2009 u testment datat 2 ta' Mejju 1985 fejn permezz tat-tielet artikolu ġew nominati eredi universali s-sitt uliedu Marlene, Mary, Audrey, Vincent u Michael "u tfal oħra naxxituri mill-istess testaturi").
>
> »3. Ir-rikorrent Baldacchino akkwista dan il-fond *per via di successione* mill-wirt ta' ommu [*recte*: martu[1]] Audrey Baldacchino, oħt il-bqija tar-rikorrenti aħwa Sciberras, li mietet fl-1 ta' Awwissu 2017 (ara dikjarazzjoni *causa mortis* datat 12 ta' Jannar 2018.
>
> »4. Irid jinghad li skont artikolu 3 tat-testment ta' missier ir-rikorrenti aħwa Sciberras, dan missierhom għandu ħames ulied mhux erbgħa. Waħda minnhom, Mary, ma hijiex fil-kawża. Ir-raġuni għalfejn ma hijiex magħrufa.
>
> »5. Jirriżulta li l-fond in kwistjoni kien ilu mikri lill-intimat Segretarju *Primary Health Care* bħala *community clinic* għal-lokal ta' San Pawl il-Baħar "għal aktar minn 65 sena" u għalhekk deċiżament minn qabel l-1 ta' Ġunju 1995. Dan versu l-kera ta' €20.96.
>
> »6. A tenur tal-artikolu 1531M tal-Kap. 16, introdott bl-Att X tal-2009, il-kera ta' fond bħal dan li m'huwiex wieħed residenzjali jew kummerċjali u lanqas każin, villeġġatura jew garaxx "għandha tibqa' tgħodd il-liġi u d-definizzjonjiet kolla kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 1995".
>
> »7. Permezz tal-*proviso* tal-istess artikolu 1531M tal-Kap. 16 il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni jista' joħroġ regolamenti "biex jirregola dawn il-kirjiet sabiex jinsab bilanċ ġust bejn id-drittijiet ta-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku".
>
> »8. Dan il-*proviso* iżda għadu ma ġiex invokat b'dan illi għadhom s'issa ma ħarġu ebda regolamenti f'dan ir-rigward. Konsegwentement, l-inkwilina segretarju, "għad li qed tagħmel li tista' sabiex issib post alternattiv xieraq biex titwaqqaf *community clinic* fiż-żona ta' San Pawl il-Baħar u l-*community clinic* jiġi rilokat hemmhekk filwaqt li l-fond … jigi vakat", għalhekk dan il-fond għadu sal-lum okkupat *ope legis* bl-istess titolu ta' kera, versu l-istess ammont kif kien oriġinali, ta' €20.96c fis sena, bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kap 69.

[1] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-attur Joseph Baldacchino a *foll*. 17 *et seq*

»9. Jidher li l-kera dejjem kienet u baqgħet tiġi aċċettata mir-rikorrenti u l-awturi tagħhom bla riżervi.

»10. Jirriżulta … li l-fond ma huwiex wieħed dekontrollat. Ma ġie madanakollu preżentat ebda ċertifikat li juri dan.«

3. L-atturi jgħidu illi l-kera li jitħallsu huwa baxx wisq meta mqabbel mal-kera fis-suq, u ma jżommx bilanċ xieraq bejn id-drittijiet tagħhom bħala sidien u dawk tal-kerrej. Billi jidhrilhom illi dan huwa bi ksur tal-jeddijiet tagħhom, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa għall-fond … San Pawl il-Baħar, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti *inter alia* fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk … ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din il-qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.;

»2. tiddikjara … illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll *ai termini* tal-liġi;

»3. tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti…;

»4. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat;

»Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-inkwilin Intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa in rappreżentanza tal-*Primary Health Care Unit*;

»Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tiddikjara u tiddeċiedi li per konsegwenza tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-artikolu 1531M tal-Kap. 16, introdott bl-Att X tal-2009, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom … bi vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea;

»Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-

rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531 M tal-Kap. 16, introdott bl-Att X tal-2009;

»Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tillikwida l-istess kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u tletin elf euro (€38,000);

»Tilqa' r-raba talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament b'dana li mhux qieghed ikun ordnat l-iżgumbrament.

»Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-inkwilina Intimata *Primary Healthcare Unit*, jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat.

»Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.«

5. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, sa fejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … …

»25. … … … fil-każ tal-lum din il-qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili kif ukoll identiċi, u *cioè* li dawn kienu leżivi tad-drittijiet fondamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

»… … …

»34. Din il-qorti issa se tgħaddi biex tqis it-talba tar-rikorrenti għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq. F'dan ir-rigward il-qorti taqbel mar-rikorrenti li għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-paragrafi 101-109 tas-sentenza Cauchi *v.* Malta deċiża mill-Qorti Ewropea fil-25 ta' Marzu 2021. Dan iżda mid-data li fiha r-rikorrenti wirtu s-sehem indiviż tal-fond in kwistjoni, *ossia* mis-sena 2008 fir-rigward tar-rikorrenti Vincent, Michael u Marlene aħwa Sciberras u mis-sena 2017 fir-rigward tar-rikorrenti Joseph Baldacchino. Dan għaliex il-komportament tal-awturi tagħom kien wieħed passiv tant li dejjem aċċettaw il-kera mingħajr riżervi kif hekk baqgħu jagħmlu wkoll ir-rikorrenti sakemm għoġobhom jistitwixxu din l-azzjoni. Lanqas ma jirriżulta li meta saret il-konċessjoni kienu mhedda minn xi xorta ta' rekwizizzjoni u allura ma kellhomx għazla. Kif ġie kemm-il darba ritenut minn din il-qorti, biex l-eredi f'kawżi bħal dan in eżami ikunu f'posizzjoni li jinsistu fuq it-telf monitarju tal-awturi tagħhom, *ai fini* biss ta' kumpens, ikun utili li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi.

»35. Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Cauchi *v.* Malta qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetà matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur

> tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem innotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta fis-sena 1979 (meta l-liġi daħlet fis-seħħ bl-Att XXIII) battiet matul il-kors tat-tliet deċenji li segwew minn dik is-sena. F'dan l-isfond il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzi jitnaqqsu b'madwar 30% abbazi ta' dak l-għan leġittimu. Il-qorti żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.
>
> »36. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem aċċettat ukoll li l-proprjetà, kieku ma kinetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni im-punjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-proprjetà riċentement. Il-qorti għaldaqstant qieset bħala aċċettabli li jitqies li t-telf attwali kien inqas min dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.
>
> »37. Magħdud dan, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset li l-kera li l-applikant ikun diġà rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem.
>
> »38. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mil-qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu.
>
> »39. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ma' dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interess.
>
> »40. Din il-qorti għaldaqstant issib xieraq li jitħallas kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) danni pekunjarji u tlett elef euro (€3,000) non pekunjarji.
>
> »41. Dan l-ammont għandu sentendi jitħallas mill-Avukat tal-Istat li, kif jixhed ismu stess, qed jirrappreżenta l-istat. … …«

6. L-atturi appellaw b'rikors tal-15 ta' Diċembru 2023 li għalih wieġbu s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa fil-21 ta' Diċembru 2023 u l-Avukat tal-Istat fit-22 ta' Diċembru 2023.

7. Il-qorti tosserva illi fit-tweġiba tiegħu l-konvenut Segretarju Parlamentari qal illi ma huwiex kontradittur leġittimu għal din l-azzjoni. Madankollu,

ladarba ma ressaqx appell jew appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva, il-qorti ma hijiex sejra tqis dan l-argument tas-Segretarju Parlamentari.

8. Ngħaddu mela għall-mertu tal-appell tal-atturi, li ġie mfisser hekk:

> »L-appellanti qegħdin jintavolaw dan l-appell għaliex ma jaqblux mal-likwidazzjoni tal-kumpens mogħti lilhom mill-ewwel qorti. Dan *stante* l-fatt li minkejja li l-ewwel qorti rrikonoxxiet li l-fond kien proprjetà ta' missier ir-rikorrenti, Francesco Sciberras, u dan għal aktar minn 65 sena, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet illi l-kumpens dovut lir-rikorrenti, *ossia* l-werrieta tal-mejjet missierhom Francesco Sciberras, huwa dovut biss mid-data li fiha r-rikorrenti wirtu s-sehem indiviż tal-fond in kwistjoni, ossia mis-sena 2008 fir-rigward tar-rikorrenti Vincent, Michael u Marlene aħwa Sciberras u mis-sena 2017 fir-rigward tar-rikorrent Joseph Baldacchino.
>
> »Irid jiġi enfasizzat illi l-fond in kwistjoni mhuwiex fond residenzjali iżda wieħed kummerċjali li qiegħed użat għal skopijiet pubbliċi bħala *health care centre*.
>
> »Dan ir-raġunament huwa kontra ġurisprudenza li tikkontendi li werrieta għandhom jedd li jippretendu kumpens għal perjodu meta l-antekawża tagħhom, Francesco Sciberras, kien sid. … … …
>
> »Għaldaqstant, l-appellanti qegħdin jitolbu sabiex jingħataw kumpens għall-perjodu kollu, u *cioè* mis-sena 1987 sas-sena 2021 *sia* fuq is-sehem ta' Francesco Sciberras u *sia* fuq is-sehem ta' Audrey Baldacchino.
>
> »… … …
>
> »Skont ġurisprudenza nostrana, il-werrieta għandhom jedd li jippretendu kumpens għall-perjodu meta l-antekawża tagħhom kienu sidien, għaliex fuq kollox il-werrieta jidħlu fiż-żarbun tal-mejjet, kemm għat-tajjeb u kif ukoll għall-ħażin. Dak li kien dovut lil Francesco Sciberras huwa mitluf mill-patrimonju li wirtu uliedu Vincent, Michael u Marlene aħwa Sciberras, u mill-patrimonju li wiret in-neputi tiegħu, Joseph Baldacchino *ossia* iben il-mejta ommhu Audrey Baldacchino, oħt il-bqija tal-appellanti aħwa Sciberras.
>
> »Għalhekk, l-appellanti ma jaqblux mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-kumpens dovut lilhom huwa biss għall-perjodu ta' bejn is-snin 2008 u 2021, u 2017 u 2021 rispettivament, u *cioè* mid-data li fiha r-rikorrenti wirtu s-sehem indiviż tal-fond in kwistjoni.
>
> »L-appellanti lanqas ma jaqblu mal-asserzjoni tal-ewwel qorti li "dan għaliex il-komportament ta' l-awturi tagħhom, kien wieħed passiv tant li dejjem aċċettaw il-kera mingħajr riżervi kif hekk baqgħu jagħmlu wkoll ir-rikorrenti sakemm għoġobhom jistitwixxu din l-azzjoni".
>
> »Fuq dan il-punt ta' passività għandu jingħad li rimedju legali għall-appellanti ġie introdott fil-Kap. 69 permezz tal-Att XXIV tal-2021; għaldaqstant, missier l-appellanti Francesco Sciberras u Audrey Baldacchino *se mai* kien mis-sena 2021 biss li kellhom 'rimedju' u

mhux qabel, b'dan illi kemm Francesco Sciberras kif ukoll Audrey Baldacchino, it-tnejn mietu qabel l-introduzzjoni tal-imsemmi Att XXIV tal-2021.

»… … …

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, għandu jiġi likwidat l-ammont ta' kumpens għall-perjodu kollu ta' bejn is-snin 1987 u l-2021, u dan kif ser jiġi indikat aktar 'l isfel f'dan l-appell.

»Fis-seduta tat 8 ta' Frar 2023, l-ewwel qorti appuntat lil Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex tirrelata dwar il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni, mill-1987 sal-2022, u dan f'intervalli ta' ħames snin. … … …

»… … …

»Skont kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti appellant, il-kera perċepibbli tul iż-żmien, b'referenza għall-imsemmi rapport, kellha tkun ta' €192,630.

»Effettivament, il-kera perċepita tul is-snin kienet ta' *circa* €754.56, biex b'hekk id-dannu effettiv li sofrew ir-rikorrenti appellant huwa ta' €191,875.44.

»Id-danni dovuti lill-appellanti għandhom ikunu abbażi ta' dak deċiż minn din il-qorti fl-ismijiet <u>Mario Carmelo Pace *v.* Avukat tal-Istat *et*</u> deċiża fit-30 ta' Novembru 2022, fejn id-dettami ta' <u>Cauchi *v.* Malta</u> deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-21 ta' Marzu 2021 għandhom jibqgħu jiġu segwiti iżda m'għandux ikun hemm tnaqqis ta' 20% rigwardanti l-possibiltà ta' nuqqas ta' kiri tul iż-żmien, u dan minħabba l-utilità pubblika.

»Għaldaqstant, d-dannu pekunjarju li r-rikorrenti appellanti għandhom jirċievu huwa ta' €134,312.81 u *cioè* wara tnaqqis ta' 30%, u dan *oltre* danni non-pekunjarji.

»Bħala werrieta ta' missierhom, l-appellanti għandhom jingħataw danni non-pekunjarji għall-perjodu kollhu li tiegħu jieħdu kumpens, fl-ammont ta' €500 għal kull sena ta' leżjoni hekk kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha datata 23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet; <u>Henry Deguara Caruana Gatto *et* v. Avukat tal-Istat *et*</u>.

»… … …

»*In vista* tas-suespost, bejn il-perjodu 1987 u 2021, hemm 34 sena; għaldaqstant, danni non-pekunjarji subiti għandhom jammontaw għal somma viċin is-sbatax-il elf euro (€17,000) biex b'hekk il-kumpens globalment dovut lill-appellanti jammonta għas-somma ta' € 151,312.81.«

9. Sewwa jgħidu l-atturi illi, bħala werrieta universali tas-sid, huma jirtu wkoll il-kumpens pekunjarju li kien imiss lill-awtur tagħhom jekk dan ukoll ġarrab ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejġu. Il-qorti għalhekk taqbel mal-atturi illi ż-żmien relevanti għall-għanijiet ta' likwidazzjoni tal-kumpens jibda mill-1 ta' Mejju 1987, kif igħid l-art. 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Għalkemm mill-fond ma huwiex residenzjali, u għalhekk ma jintlaqatx bl-emendi li daħlu fis-seħħ fl-2021, l-atturi madankollu fir-rikors tal-appell qegħdin jippretendu kumpens sal-2021.

10. Iż-żmien relevanti għalhekk huwa mill-1 ta’ Mejju 1987 sal-aħħar tal-2021.

11. Il-qorti ma taqbilx mal-atturi meta jgħidu illi “m’għandux ikun hemm tnaqqis ta’ 20% rigwardanti l-possibbiltà ta’ nuqqas ta’ kiri tul iż-żmien, u dan minħabba l-utilità pubblika” għax *non sequitur*. Il-fatt illi fil-preżent il-fond jaqdi utilità pubblika jiġġustifika t-tnaqqis ta’ tletin fil-mija (30%) tal-kera fis-suq bil-kriterji ta’ Cauchi, iżda ma jfissirx b’hekk illi li kieku l-fond tbattal, u hekk ma baqax iservi utilità pubbliku, is-sidien kienu dejjem sejrin isibu jikruh ininterrottament, u huwa għalhekk illi l-kriterji ta’ Cauchi jridu tnaqqis ieħor ta’ għoxrin fil-mija (20%).

12. Il-perit tekniku maħtura mill-ewwel qorti osservat illi l-fond għandu jitqies bħala kummerċjali. Jekk il-fond jitqiesx kummerċjali jew le jagħmel differenza fil-kera li l-atturi setgħu daħħlu taħt il-liġi ordinarja, għax, jekk mhux kummerċjali, għalih “tibqa’ tgħodd il-liġi u d-definizzjonijiet kollha kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta’ Ġunju 1995”, kif igħid l-art. 1531M tal-Kodiċi Ċivili, waqt illi jekk jitqies kummerċjali jseħħu ż-żidiet fil-kera li jrid l-art. 1531D.

13. Tassew illi l-art. 1525(3) tal-Kodiċi Ċivili jqis “klinika” bħala “fond kummerċjali”; madankollu, “klinika” tissemma bħala eżempju ta’ fond urban “li hu mikri primarjament sabiex minnu ssir attività għal skopijiet ta’ qligħ u fost oħrajn jinkludi … klinika”, li jfisser illi – kif, wara kollox, tagħti x’tifhem il-kelma – l-iskop ta’ qligħ huwa element essenzjali ta’ użu kummerċjali.

14. Is-servizzi mediċi li jingħataw *f'community clinic* immexxija mill-gvern ma jingħatawx bi ħlas u għalhekk il-fond li fih jingħataw dawk is-servizzi ma jistax jitqies fond kummerċjali; il-qorti għalhekk ma hijiex tal-fehma illi l-fond għandu jitqies bħala wieħed kummerċjali għall-għanijiet tal-kera kontrollat li setgħu daħħlu l-atturi taħt il-liġi ordinarja.

15. It-telf li ġarrbu s-sidien, meta tqis id-differenza bejn il-kera fis-suq u l-kera li daħħlu mill-1 ta' Mejju 1997 sal-aħħar tal-2021 u jsir it-tnaqqis li jrid il-każ ta' <u>Cauchi</u> huwa madwar mija u elfejn euro (≈€ 102,000), kif muri fl-Iskeda A mehmuża mas-sentenza biex titqies parti minnha.

16. Ma' dawn għandhom jiżdiedu d-danni non-patrimonjali ta' tliet elef euro (€ 3,000) likwidati mill-ewwel qorti. L-atturi jippretendu aktar, iżda l-ammont likwidat mill-ewwel qorti huwa fil-fehma ta' din il-qorti tajjeb u biżżejjed, meta tqis ukoll illi d-danni non-patrimonjali ma jintirtux.

17. B'kollox mela d-danni jiġu madwar mija u ħamest elef euro (≈€ 105,000)

18. Billi l-werrieta tal-awtur tal-atturi (kif jidher mit-testment tal-missier) kienu mhux anqas minn ħamsa, u erbgħa minnhom biss huma part fil-kawża u ma hemm ebda prova dwar x'sar mill-wirt tal-ħames wild, lill-atturi jmisshom erbgħa minn ħamsa (4/5) tad-danni likwidati, li jiġu madwar erbgħa u tmenin elf euro (≈€ 84,000).

**Decide**

19. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata; tħassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' tmienja u tletin elf euro (€ 38,000) u, minflok,

tillikwida sehem l-atturi fl-ammont ta’ erbgħa u tmenin elf euro (€ 84,000); tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

20. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell iħallashom l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat |
|---|---|---|
| 1987 (8 xhur) | 2,390.67 | 13.97 |
| 1988 | 3,586.00 | 20.96 |
| 1989 | 3,586.00 | 20.96 |
| 1990 | 3,586.00 | 20.96 |
| 1991 | 3,586.00 | 20.96 |
| 1992 | 3,919.00 | 20.96 |
| 1993 | 3,919.00 | 20.96 |
| 1994 | 3,919.00 | 20.96 |
| 1995 | 3,919.00 | 20.96 |
| 1996 | 3,919.00 | 20.96 |
| 1997 | 4,669.00 | 20.96 |
| 1998 | 4,669.00 | 20.96 |
| 1999 | 4,669.00 | 20.96 |
| 2000 | 4,669.00 | 20.96 |
| 2001 | 4,669.00 | 20.96 |
| 2002 | 5,258.00 | 20.96 |
| 2003 | 5,258.00 | 20.96 |
| 2004 | 5,258.00 | 20.96 |
| 2005 | 5,258.00 | 20.96 |
| 2006 | 5,258.00 | 20.96 |
| 2007 | 5,868.00 | 20.96 |
| 2008 | 5,868.00 | 20.96 |
| 2009 | 5,868.00 | 20.96 |
| 2010 | 5,868.00 | 20.96 |
| 2011 | 5,868.00 | 20.96 |
| 2012 | 6,670.00 | 20.96 |
| 2013 | 6,670.00 | 20.96 |
| 2014 | 6,670.00 | 20.96 |
| 2015 | 6,670.00 | 20.96 |
| 2016 | 6,670.00 | 20.96 |
| 2017 | 6,996.00 | 20.96 |
| 2018 | 6,996.00 | 20.96 |
| 2019 | 6,996.00 | 20.96 |
| 2020 | 6,996.00 | 20.96 |
| 2021 | 6,996.00 | 20.96 |
| | 183,634.67 | 726.61 |

| | |
|---|---|
| -20% = | 146,907.73 |
| -30% = | 102,835.41 |
| Naqqas | -726.61 |
| Jifdal | 102,108.80 |
| Danni morali | 3,000.00 |
| B'kollox | 105,108.80 |
| $^4/_5$ | 84,087.04 |